*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ZURRIEQ*

*LAQGHA NUMRU TNEJN U ERBGĦIN*

***6 ta' Diċembru, 2004***

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.10 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Joseph D'Amato, l-Kunsillier Mario Sammut, l-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Mark Spiteri.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Antonia Farrugia u l- Kunsillier Emanuel Briffa.*

*MINUTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***42.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*42.1.1 Il-Viċi Sindku Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:*

*42.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħat Numru 39, 40 u 41 kif imressqa."*

*42.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Sammut u għaddiet nem.con.*

*42.1.4 Il-Kunsill inotta li ma kienu saru l-ebda żviluppi mill-Giunta ta' Borgo Maggiore u għaldaqstant qabel li fil-laqgħa li jmiss jikkunsidra jibda t-trattativi sabiex jagħmel ġemellaġġ mal-lokalita Ġermaniża ta' Angermunde, liema suġġett għandu jidher fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.*

*42.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*42.2.1 Is-Sindku għarraf lil Kunsill li kienet waslet l-istedina għal parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-programm l-Istrina, fejn kien deċiż illi tingħata somma ta' Lm 50.00c lil għaqda li ser tibbenefika mill-programm imsemmi.*

*42.2.2 Wara li l-Kunsill ikkunsidra talba li saret mis-Soċjeta MUSUEM, Fergħa tal-Bniet, Żurrieq kien hemm qbil li l-materjal għax-xogħlijiet mitluba ser isir tentattiv biex jiġi pprovdut mingħajr ħlas mill-ST Microelectronics bl-għajnuna tal-Kunsillier Mario Sammut.*

*42.2.3 Wara li l-Kunsill ikkunsidra talba tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria kif ukoll l-għajnuna li ngħatat matul din il-leġislatura, kien hemm qbil li jintbagħat komunikat lil din is-soċjeta li l-Kunsill mhux f'qagħda finanzjarja li jagħti xi donazzjoni għall-armar ta' Triq il-Kbira, kif ukoll li għal futur għajnuna simili tingħata jekk ikun hemm ftehim minn qabel.*

*42.2.4 Wara li kienet ikkunsidrata talba li saret mill-Fondazzjoni Arka, l-Kunsill ma qabilx li jagħti donazzjoni.*

*42.2.5 Wara li l-Kunsill kien mgħarraf li l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta uffiċjalment għarrfitu li l-iskema tal-finanzjament tat-toroq twaqqfet, kien hemm qbil li aktar minn qatt qabel issir bl-akbar urġenza l-laqgħa mal-Ministru responsabbli.*

*42.2.6 Il-Kunsill ġie mgħarraf bl-iżviluppi u l-ittra riċevuti mill-Kunsill Lokali Safi dwar tabella ta' merħba li tpoġġiet fl-inħawi tax-Xarolla kif ukoll li saret it-talba uffiċjali għad-devoluzzjoni tal-istess inħawi mill-Kunsill taż-Żurrieq.*

*42.2.7 Wara diskussjoni li saret dwar is-suġġett u l-fatt li l-Kunsill imsemmi għarraf li neħħa din it-tabella u ddepożita fl-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Safi, ġew konklużi erba' passi ta' azzjoni li jista jieħu l-Kunsill, li huma:*

*42.2.8 Jitkompla l-proċess tad-devoluzzjoni bl-agħar sitwazzjoni tkun illi ma tingħatax biss il-parti inkwistjoni (Proposta Numru 1);*

*42.2.9 Titwaħħal tabella maċ-ċint li turi li dik hi parti minn Triq Sant'Andrija, jinbena cint kif inhuma l-konfini u ssir konferenza stampa fuq il-post (Proposta Numru 2);*

*42.2.10 Issir it-talba uffiċċjali mill-Kunsill biex immedjatament isir tibdil fil-konfini mill-Kummissjoni Elettorali, li l-Liġi tal-Kusill Lokali tagħraf bħala l-awtorita kompetenti dwar konfini bejn il-lokalitajiet (Proposta Numru 3); u*

*42.2.11 Li jsiru t-tieni u t-tielet proposta f'daqqa (Proposta Numru 4).*

*42.2.12 Qabel ittieħdet id-deċizjoni finali kien hemm qbil unanimu li jintbgħatu ittri lil Kunsill Lokali Safi, lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u lil Pulizija għal kriterji legali ta' kif inqalgħet l-imsemmija tabella.*

*42.2.13 Wara votazzjoni l-maġġoranza tal-membri preżenti qablet illi l-Kunsill għandu jipproċedi bl-ewwel proposta, u wara talba għal division tal-votazzjoni rriżulta:*

*42.2.14 Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mark Spiteri favur l-ewwel proposta, filwaqt li l-Kunsillier Mario Sammut u l-Kunsillier Mario Ellul favur it-tieni proposta.*

*42.2.15 Kien hemm ukoll qbil unanimu illi l-pubbliku jiġi nfurmat b'dak li qed iseħħ.*

*42.2.16 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill qabel li jiġu sospiżi r-regolamenti tal-ġurnata sabiex b'urġenza jiġi diskuss suġġett relatat ma' offerti u kuntratti.*

*42.2.17 Il-Kunsill kien infurmat li l-Perit isottometta rapport li fih wera xi nuqqasijiet mill-istima oriġinali tiegħu li kien juri li l-proġett taċ-ċentru taż-Żurrieq jista jiġi jiswa Lm 7,000 aktar minn dak maħsub filwaqt li l-istima għal Triq il-Karmnu kienet maħsuba li tlaħħaq għal Lm 4,000 inqas minn dak ipproġettat mill-Kunsill.*

*42.2.18 Kopja tar-rapport tal-Perit Lawrence Mintoff hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

*42.2.19 F'dan l-istadju kienu wkoll ikkunsidrati proġetti oħra li għandu l-Kunsill, fejn kien deċiż illi jiġu temporanjament sospiżi dawk ippjanati għal kostruzzjoni ta' culvert fi Triq San Bartillmew kif ukoll kisi mill-ġdid ta' Triq is-Sindku.*

*42.2.20 Il-Kunsill wara li mill-ġdid evalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, kif ukoll ir-rapport tal-Perit, unanimament qabel li x-xogħlijiet isiru kif approvati minnhu fil-laqgħa preċedenti (Numru 41) bl-aktar offerta vantaġġjuża tkun ta' Silvar Construction Limited għal valur stmat ta' mhux aktar minn Lm 62,676.50c.*

*42.2.21 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq b'urġenza estenzjoni ta' kuntratti eżistenti fejn il-Kunsill unanimament approva li dawn il-kuntratti jiġu estiżi għat-tielet u l-aħħar sena:*

*42.2.22 Manutenzjoni tal-Ġnien tal-Ġibjun (PKG67/15/02);*

*42.2.23 Contract Management għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq (CMW67/17/02);*

*42.2.24 Contract Management għal proġetti kapitali (CMP67/18/02); u*

*42.2.25 Manutenzjoni ta' sistema ta' dwal f'ġonna pubbliċi u xogħlijiet anċillari (MC67/19/02).*

*42.2.26 Billi l-Kunsillier Spiteri kellu bżonn jiġi skużat mil-laqgħa l-Kunsill qabel li jiddiskuti issa l-ħames item fuq l-aġenda.*

***42.5 Kunsiderazzjoni: Pjan dwar PA 442/01***

*42.5.1 Wara li l-Kunsill ikkunsidra t-talba tal-MEPA u l-Project Description Statement sabiex jagħti s-sottomissjonijiet tiegħu għat-termini ta' referenza li din ser toħroġ għal EIS dwar applikazzjoni numru 442/01, sabiex tkabbar il-barriera ta' Wied Moqbol, kien deċiż illi jinġabru kwotazzjonijiet mill-konsulenti preżenti kif ukoll mingħand il-Perit Lino Bianco.*

*42.5.2 Fir-rigward ta' applikazzjoni numru 6274/04 għal bini ta' djar għall-anzjani fl-inħawi tat-Torri ta' Bubaqra, kien hemm qbil li għandha ssir oġġezzjoni billi din qed issir f'żona protetta.*

*42.5.3 Il-Kunsill kien mgħarraf li l-attivita għal Clean Up the World kienet tħassret minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni iżda xorta waħda sar tindif mill-Kunsillier Mario Sammut u membri tas-Sotto Kumitat tiegħu.*

*42.5.4 Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti t-tneħħija ta' vetturi abbandunati u/jew bla liċenzja fit-toroq u li sa dan iż-żmien tinġieb l-informazzjoni kollha partikolarment mill-Kumitat Konġunt responsabbli mill-Infurzar tal-Liġi.*

*42.5.5 Il-Kunsillier Mark Spiteri kien skużat mil-laqgħa f'dan l-istadju. (9.45pm)*

***42.3 Kunsiderazzjoni: Proposti mill-Kunsill taż-Żgħażagħ***

*42.3.1 Is-Sindku għamel referenza għal proposta sottomessa lilu mill-Kunsill taż-Żgħażagħ, liema kopja tal-proposti kienu iċċirkolati mal-aġenda tal-laqgħa.*

*42.3.2 Kien hemm qbil unanimu li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.*

### *42.4 Attivitajiet tal-Milied*

*42.4.1 Il-Kunsill kien mgħarraf mis-Sindku bl-esebizzjoni li ser titella fil-Mitħna tax-Xarolla u li kienet ser tiġi inawgurata fis-17 ta' Diċembru.*

*42.4.2 Il-Kunsill kien mgħarraf bl-attivita li ser titella għat-tfal, fejn kien approvat il-ħlas ta' Lm 2.00c għal kull persuna, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż jiġu ffinanzjati mill-Kunsill.*

*42.4.3 Fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' tfal tal-Kunsillieri kien hemm qbil li dawn jiġu eżentati mill-ħlas filwaqt li jsir ħlas sħiħ għat-tfal tal-membri kollha tal-istaff.*

### *42.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

*42.6.1 Il-Kunsill ma approvax talba tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu ffinanzjati mill-Kunsill il-ħlas tal-parteċipazzjoni tal-istaff fil-party annwali.*

*42.6.2 Il-Kunsill approva tiswija ta' parti mill-bankina fi Triq il-Bronja.*

*42.6.3 Il-Kunsill approva li ssir barrier ta' protezzjoni fi Triq iċ-Ċombini, fl-inħawi li saru xogħlijiet ta' bankini riċentament.*

*42.6.4 Il-Kunsill qabel li l-Korporazzjoni Enemalta tiġi mħeġġa tneħħi arblu tad-dawl li issa ġie f'nofs it-triq, wara bini li sar fl-inħawi.*

*42.6.5 Il-Kunsill approva r-rendikont ta' diversi attivitajiet li saru mis-Sotto Kumitat għal Anzjani u Servizzi Soċjali bejn Mejju u Settembru,2004, li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-minuti.*

*42.6.6 L-ilmenti li kienu jinħtieġu deċiżjoni tal-Kunsill ġew imressqa mis-Segretarju Eżekuttiv.*

*42.6.7 Fir-rigward ta' Ilment Numru 986/04 l-Kunsill qabel li ssir fake camera fl-inħawi tal-ġnien tal-iskola.*

*42.6.8 Fir-rigward ta' ilment numru 999/04 l-Kunsill qabel li Sqaq il-Ħelu għandu jsir parti mir-rotta tal-gwardjani lokali u kkonferma d-deċiżjoni tiegħu illi malli jsir il-proġett taċ-ċentru taż-Żurrieq, issir bollard b'ċavetta li tingħata lir-residenti.*

*42.6.9 Il-Kunsill approva x-xiri kollu li sar bejn il-laqgħa preċedenti u dik tal-lum permezz tal-Purchase Orders, minn numru 674 sa 701, li rendikont tagħhom hu aness ma' dawn il-minuti.*

### *42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti*

*42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti, l-kont tal-Petty Cash għax-xahar ta' Novembru, talba ta' ħlas lura ta' spejjeż lura f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsillier Mark Spiteri, talbiet ta' ħlas għal overtime u rifużjoni tas-servizzi mogħtija mit-Tribunal lill-iskrivani tal-Kunsill u talbiet ta' ħlas oħra li daħlu wara l-ħruġ tal-aġenda.*

*42.7.2 Kopja ta' dawn id-dokumenti kollha hi anessa ma' dawn il-minuti.*

*42.7.3 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*42.7.4 "B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' Lm 13290.55c u l-ħlas lura fil-kont tal-Petty Cash ta' Lm 38.47c, ħlas lura għal spejjeż magħmula f'isem il-Kunsill ta' Lm 20.42c lil Kunsillier Mark Spiteri, ħlas lill-iskrivani għal overtime ta' Lm 89.90c u servizz lit-Tribunal Lokali ta' Lm 56.75c kif ukoll talbiet ta' ħlas lil diversi kuntratturi tal-Kunsill li laħħaq għal Lm 2177.33 u lit-Taqsima tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' Lm 34324.37c."*

*42.7.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph D'Amato u għaddiet nem.com.*

*42.7.6 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-10.15 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum _____ ta' Jannar, 2005*

*Ignatius Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***